MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1918/1997/1

**L-Avukat Generali**
**Vs**
**Olaf Cini u Rosalie Cini nee' Decelis**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi fit-8 ta' Settembru 1984 il-konvenut Olaf Cini izzewweg f'Malta lill-konvenuta Rosalie nee Decelis ghar-rigward ta' liema zwieg inhareg certifikat taz-zwieg numru 1663/1984 mir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Premess illi fis-7 ta' Novembru 1993 il-konvenut Olaf Cini izzewweg lil Amalia Tzaka meta z-zwieg tieghu ma' Rosalie nee Decelis kien ghadu vinkolanti.

Premess illi l-imsemmi Olaf Cini kien gie akkuzat bir-reat ta' bigamija u huwa akkampa difiza bazata fuq l-allegata nullita ta' l-ewwel zwieg tieghu;

Premess illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-16 ta' Mejju 1997 dik il-Qorti kienet annullat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li biha l-konvenut Olaf Cini kien instab hati ta' bigamija u minflok irrinvjat l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex din taghti terminu lill-Avukat Generali sabiex jipprocedi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal decizjoni dwar il-validita o meno ta' l-ewwel zwieg ta' Olaf Cini.

Premess illi b'digriet ta' l-1 ta' Lulju 1997 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat lill-Avukat Generali zmien xahrejn mid-data ta' l-istess digriet biex jintavola l-prezenti proceduri.

Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi fil-mument taz-zwieg tal-konvenut Olaf Cini ma' Amalia Tzaka u cioe fis-7 ta' Novembru 1993, iz-zwieg ta' bejn iz-zewg konvenuti Olaf Cini u Rosalie Cini nee Decelis kien legalment vinkolanti u validu u tikkonferma l-validita ta' l-imsemmi zwieg li sar fit-8 ta' Settembru 1984.

Bl-ispejjez, inkluz l-imghax legali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rosalie Cini li biha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti ghandha interess tottjeni l-annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut Olaf Cini ghar-ragunijiet lilu imputabbli.

2. Illi fil-mument meta izzewweg lill Amalia Tzaka, ma kienx hemm ebda sentenza ta' nullita dwar iz-zwieg taghha mal-istess konvenut.

3. Illi l-eccipjenti, izda, taqbel li z-zwieg taghha mal-konvenut ghandu jigi dikjarat null.

4. Illi z-zwieg taghha mal-intimat huwa null minhabba li l-kunsens tal-eccipjenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga;

5. Illi z-zwieg taghha mal-intimat hu null minhabba li minhabba li l-kunsens tal-konvenut Olaf Cini kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg tal-eccipjenti ghandu dikjarat null u bla effett a tenur tal-artikolu 19(1) (a) (c) u (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

7. Illi minhabba ir-ragunijiet suesposti l-eccipjenti m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Olaf Cini li biha eccepixxa:

1. Illi z-zwieg tal-konvenuta Rosalie Cini nee Decelis huwa null minhabba li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xort taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

2. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

3. Illi ghalhekk iz-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett a tenur tal-artiklu 19(1) (a) (c) u (d) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma s-segwenti. Fis-7 ta’ Novembru 1993 il-konvenut izzewweg lil Amalia Tzaka fil-Grecia meta huwa kien gja kkuntratta zwieg fit-8 ta’ Settembru 1984 mal-konvenuta Rosalie Decelis. Konsegwentement ittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut fejn dan gie akkuzat bir-reat ta’ bigamija, u li fihom Olaf Cini akkampa mad-difiza bazata fuq l-allegata nullita’ taz-zwieg tieghu mal-konvenuta Decelis.

Illi wara decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-16 ta’ Mejju 1967 l-attur istitwixxa dawn il-proceduri li bihom qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li fiz-zmien li l-konvenut Olaf Cini zzewweg lill-imsemmija Amalia Tzakar u cioe’ fis-7 ta’ Novembru 1993 “iz-zwieg bejn iz-zewg konvenuti Olaf Cini u Rosalie Cini nee’ Deceelis kien legalment vinkolanti u validu, u tikkonferma l-validita’ tal-imsemmi zwieg li sar fit-8 ta’ Settembru 1984.”

Illi in sostanza z-zewg konvenuti eccepew li z-zwieg taghhom kien affett b’ nullita’ minhabba, u a bazi, ta’ dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 19[1][a][c] u [d] tal-Att Dwar iz-Zwieg [Kap. 255]. Il-konvenuta Rosalie Cini, fin-nota taghha teccepixxi wkoll li fil-mument li l-konvenut Olaf Cini zzewweg lil Amalia Tzaka ma kien hemm ebda sentenza ta’ nullita’ dwar iz-zwieg taghhom. Di piu’ sostniet li m’ ghandhiex tbaghti spejjez f’ din il-kawza.

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta sodisfacentement provat li fid-9 ta’ Settembru 1984, sar zwieg bejn il-konvenuti, wara l-hrug u pubblikazzjoni tat-tnidijiet, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku fl-10 ta’ Settembru 1984 bin-numru 1663/1984. Dan jinsab konfermat minn Paul Bilocca, Senior Principal inkarigat mir-Registru taz-Zwiegijet u mid-dokumenti annessi mal-affidavit tieghu. L-istess ufficjal jghid ukoll li “minn ricerki li ghadni kemm ghamilt illum stess, jirrizulta illi fil-margini tal-Att taz-Zwieg numru 1663/1984 jigifieri dak bejn Olaf

A.Cini u Rosalie nee' Decelis ma tirrizulta ebda annotazzjoni li tirriferi ghal xi divorzju jew annullament."[1]

L-istess konvenuti jikkonfermaw li bejniethom kien sar dan iz-zwieg, izda jsostnu li dan iz-zwieg huwa null minhabba l-ezistenza tal-fatturi indikati fl-artikolu u sub incizi precitati.

Illi din il-Qorti ezaminat ix-xhieda taz-zewg konvenuti in propositu ghall-allegazzjonijet taghhom, u, tosserva li:

[1] fix-xhieda tal-konvenut Olaf Cini ma tirravvisax cirkostanzi li jisthgu jirrendi null iz-zwieg tieghu mal-konvenuta Rosalie Cini. Inoltre, l-allegazzjoni ta' pressjoni da parti tal-familjari tal-mara tieghu, tinsab mdghajjfa mix-xhieda ta' Joseph Carabott[2] u ta' zijuh Joseph Carabott[3], u dan apparti mill-fatt li huwa strah fuq l-allegazzjonijiet tieghu, minghajr konfort ta' xhieda jew provi ulterjuri;

[2] Anke l-konvenuta Rosalie Cini strahet biss fuq x-xhieda u l-affidavit taghha, minghajr provi ulterjuri.

In propositu ghall-grad ta' prova l-Qorti tosserva li, ghalkemm fil-kamp civili hija sufficjenti l-prova buq bazi ta' probabbiltajiet, izda fuq materja daqshekk importanti din il-Qorti thoss li mhuwiex sufficjenti li l-partijiet jistriehu fuq l-allegazzjonijiet taghhom nudi u krudi minghajr xintilla ta' prova ulterjuri. Multo magis, meta bhala fil-kaz prezenti l-versjonijiet jikkontrastaw f' diversi aspetti taghhom. Onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, u ghalhekk kien l-obbligu u l-oneru tal-konvenuti li jipprovaw il-fatti minnhom allegati – reus in excipiendo fit actor. In mankanza ta' provi sodisfacenti, l-eccezzjonijiet taghhom in kwantu bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 19[1][a][c][d] ma jistghux ireggu ghax mhux sostnuti adegwatament mill-provi.

Fi kliem iehor, il-provi mressqa mill-partijiet ma jwaqsslux ghal prova sodisfacenti li l-kunsens taghhom kien vizzjat,

---

[1] Affidavit Dok.AG1 – fol.33 *et seq.*
[2] Fol.50
[3] Fol.32 - 53

kif eccepit mill-konvenuti, meta gie kkuntrattat iz-zwieg. F' dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni li l-konvenuta Rosalie Cini fix-xhieda taghha ammettiet li hija kienet taf li l-konvenut Olaf Cini gieghli ma kienx jghid il-verita', izda cio' nonostante hija xorta kkuntratt iz-zwieg mieghu, u dana minghajr pressjoni da parti ta' hadd[4].

Illi in kwantu ghall-kap tal-ispejjez, il-Qorti tikkonsidera gustifikata l-eccezzjoni tal-konvenuta Cini li dina m' ghandhiex tbaghti spejjez ta' dawn il-proceduri, stante li l-fatti li taw lok ghall-istess proceduri huma attribwibbli unikament ghall-konvenut Cini.

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li fis-7 ta' Novembru 1993 iz-zwieg bejn iz-zewg konvenuti kien u ghadu validu skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta u tiddikjara li fil-mument taz-zwieg tal-konvenut Olaf Cini ma' Amalia Tzaka u cioe' fis-7 ta' Novembru 1993, iz-zwieg ta' bejn iz-zewg konvenuti Olaf Cini u Rosalie Cini nee Decelis kien legalment vinkolanti u validu u tikkonferma l-validita' ta' l-imsemmi zwieg li sar fit-8 ta' Settembru 1984. L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut Olaf Cini.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Fol.97